

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Genova (l-Italja) fit-12 ta' Ottubru 2018 –  
LG et vs Rina SpA, Ente Registro Italiano Navale**

(Kawża C-641/18)

(2019/C 25/21)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Genova

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: LG et

Konvenuti: Rina SpA, Ente Registro Italiano Navale

**Domanda preliminari**

L-Artikoli 1(1) u 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 (<sup>1</sup>) għandhom jiġu interpretati – dan ukoll fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-UE, tal-Artikolu 6(1) KEDB u tal-premessa 16 tad-Direttiva 2009/15/CE (<sup>2</sup>) – bħala li jipprekludu li, fil-kuntest ta' tilwima mressqa sabiex jinkiseb kumpens għad-danni b'rīzultat tal-mewt u l-feriment ta' persuni kkawżati mill-għarqa ta' vapur tal-passiġġeri bl-invokazzjoni ta' responsabbiltà b'rīzultat ta' aġir negliġenti, qorti ta' Stat Membru tista' tirrinunza għall-ġurisdizzjoni tagħha, billi tirrikonoxxi l-immunità ġurisdizzjonali favur organi u persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt privat li jwettqu attivitajiet ta' klassifikazzjoni u/jew ta' ċertifikazzjoni u li għandhom is-sede tagħhom f'dan l-Istat Membru, u dan minħabba l-eżerċizzju ta' tali attivitajiet ta' klassifikazzjoni u/jew ta' ċertifikazzjoni f'isem Stat barra mill-Komunità?

(<sup>1</sup>) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi fmaterji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

(<sup>2</sup>) Direttiva 2009/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandardi komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizzi tal-vapuri u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi (ĠU 2009, L 131, p. 47).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Mercantil de Gerona (l-Ispanjol) fil-15 ta' Ottubru 2018 – OD vs Ryanair D.A.C.**

(Kawża C-646/18)

(2019/C 25/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Mercantil de Gerona

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: OD

Konvenuta: Ryanair D.A.C.

**Domandi preliminari**

- 1) L-estensijni taċċita tal-ġurisdizzjoni prevista u rregolata mill-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (<sup>1</sup>), tirrikjedi xi element oġġettiv ta' konnessjoni bejn is-suġġett tat-tilwima jew id-domiċilju tar-rikorrenti mal-qorti li quddiemha tressqet it-talba?

2) L-estensjoni taċċita tal-ġurisdizzjoni provista u rregolata bl-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 teħtieġ, fl-aspetti kollha tagħha, interpretazzjoni awtonoma komuni għall-Istati Membri kollha? Konsegwentement, din l-estensjoni taċċita tal-ġurisdizzjoni ma tistax tiġi kkundizzjonata mil-limitazzjonijiet stabbiliti fir-regoli ta' ġurisdizzjoni interna tal-Istati Membri, li jipprevedu li ma hijiex valida fil-proċeduri fejn, minħabba l-ammont ż̒ghir tat-talba, għandhom jinstemgħu bi proċedura sommarja, kif stabbilit mill-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Spanjol?

<sup>(1)</sup> ĠU 2012, L 351, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Bucureşti (ir-Rumanija) fis-17 ta' Ottubru 2018 – Autoritatea națională de reglementare în domeniul energiei (ANRE) vs Societatea de Producere a Energiei Electrice în Hidrocentrale Hidroelectrica SA**

**(Kawża C-648/18)**

(2019/C 25/23)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

**Qorti tar-rinviju**

Tribunalul Bucureşti

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Autoritatea națională de reglementare în domeniul energiei (ANRE)

Konvenuta: Societatea de Producere a Energiei Electrice în Hidrocentrale Hidroelectrica SA

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 35 TFUE jipprekludi interpretazzjoni tal-Artikolu 23(1) u tal-Artikolu 28(c) tal-Lega energieie elettrice si a gazelor naturale nr. 123/2012 (il-Liġi Nru 123/2012 dwar l-Elettriku u l-Gass Naturali) li abbażi tagħha l-produtturi tal-elettriku fir-Rumanija huma meħtieġa jikkumerċjalizzaw l-elettriku kollu prodott minnhom eskużiżiament f-suq kompetitiv iċċentralizzat fir-Rumanija, ladarba huwa possibbli li l-energijsa tiġi esportata, mhux direttament, iżda permezz ta' kumpanniji kummerċjali?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Giudice di pace di Bologna (l-Italja) fit-22 ta' Ottubru 2018 – UX vs Governo della Repubblica italiana**

**(Kawża C-658/18)**

(2019/C 25/24)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Giudice di pace di Bologna

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: UX

Konvenut: Governo della Repubblica italiana